# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IS-SEBA’ LEĠISLATURA

## LAQGĦA NUMRU 47

16 ta’ Mejju 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M’ Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 47.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

47.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 47.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

47.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-ħamsa u erbgħin (45) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

47.2.2. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (AD, VB, DSH, JAE, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

47.2.3. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-laqgħa straordinarja sitta w erbgħin (46) tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

47.2.4. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, AD, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

47.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 45.2.7 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Ministru Owen Bonnici dwar il-Fosos. Is-SE wieġbet li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta u qalet li għandha terġa tibgħat tfakkira.

47.2.6. Il-Kunsillier AGS għamel riferenza għas-swar u qal li kienu qed jisbieħu iżda fakkar fil-cladding tas-sezzjoni marittima tal-AFM li kien qed jagħmel kuntrast ikrah mas-swar. Is-Sindku DSH qalet li kienet qed tistenna appuntament għal laqgħa mal-Onor. Ministru Michael Farrugia. Is-SE qalet li għandha terġa tibgħat tfakkira.

47.2.7. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 45.3.2.3 u staqsa jekk kienx hemm approvazzjoni biex it-tabelli tal-ismijiet tal-lokalita jkunu jistgħu jiġu rilokati. Is-SE qalet li hemm approvazzjoni biex dawn jiċċaqalqu u nformat li l-ħaddiema tal-Kunsill kellhom jieħdu ħsieb jirrilokawhom appena jkunu lestew ix-xogħol li għaddej bħalissa fi Ġnien Vilhena.

47.2.8. Il-Viċi Sindku VB semma t-tabella tal-lokalita tal-Ħamrun li hemm imwaħħla fil-konfini tal-Floriana u qal li din kellha bżonn tiġi rilokata. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mas-Sindku tal-Ħamrun li nfurmaha li din it-tabella kienet ilha mwaħħla u ma kienitx twaħħlet riċentement. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa jikteb lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħamrun sabiex din tiġi rilokata.

47.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 45.14.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar l-art diżlivelatta li hemm fuq il-Young Falcons Club. Is-SE qalet li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu marru fil-post u nformaw li biex din titranġa, irid jinġieb ammont kbir ta' konkos. Hija qalet li din

ma kienitx biċċa xogħol li setgħet issir mill-ħaddiema manwali tal-Kunsill u għalhekk qalet li ser jintalbu kwotazzjonijiet minn kuntratturi li jagħmlu dan ix-xogħol.

47.2.10. Il-Kunsill iddiskuta l-materja tal-Funtana tat-Tritoni. Il-Kunsillier AD semma li xi entitajiet kienu jimmarkaw iż-żona tal-Funtana tat-Tritoni bħala Floriana.

47.2.10.1. Il-Kunsillier AGS semma kif il-parti ta' St James Ditch qegħda mniżżla bħala Valletta u jekk jinqala xi każ, din l-inkorrettezza setgħet tiġi kontestata b'mod legali faċilment.

47.2.10.2. Is-SE qalet li l-Kummissjoni Elettorali kienu qed jaħdmu sabiex jagħmlu konfini standard għall-entitajiet kollha u dan sabiex ikun hemm konsistenza bejn l-entitajiet.

**Nota: 17:20 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

47.2.10.3. Is-Sindku DSH fakkret lill-Kunsilliera sabiex jibgħatu kwalunkwe informazzjoni fattwali relatata mal-kwistjoni tal-funtana tat-Tritoni sal-aħħar tal-ġimgħa. Hija qalet li kienet ser tiddraftja wkoll xi punti u tiċċirkolahom lill-Kunsilliera.

## 47.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

47.3.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-materja tal-istreet adverts u qalet li l-kuntrattur ma kienx resaq għal-laqgħa mal-Kunsill jew għall-pagament minkejja diversi tentattivi mis-SE. Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill kien bagħat ittri legali lill-kuntratturi u xorta waħda ma kienx hemm risposta. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra legali oħra li fiha jingħata ultimatum ta' għaxart ijiem mid-data tal-ittra sabiex jersaq għall-pagament u jitkellem mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jinformah ukoll li f'każ li jonqos milli jagħmel dan, allura l-Kunsill ser ikun kostrett jaqla dawn l-istreet adverts mit-toroq.

## 47.4 Rapporti

47.4.1. Il-Viċi Sindku VB qal li kienet inżammet laqgħa mal-VOL Health li kienu ser jibdew skema pilota mal-Health Centre tal-Floriana. Huwa qal li huma kienu wegħduhom li jgħinuhom kif jistgħu u dan billi jintalbu xi voluntiera mil-lokalita stess sabiex jassistuhom fil-Health Centre. Huwa qal li x-xogħol ta' dawn il-voluntiera ser ikun wieħed ta' solljev għall-istaff preżenti u li l-Kunsill ma kien ser jidħol fl-ebda spiża. Il-Viċi Sindku qal ukoll li kien offrilhom il-bini tad-Dar tal-Kunsill f'każ li jkunu jridu jagħmlu xi lezzjonijiet matul il-ħin tal-uffiċċju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

47.4.2. Is-Sindku DSH ressqet ir-rapport tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat li ser jiġi preżentat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-SE qalet li dan ir-rapport finanzjarju relatat kien ġie approvat ukoll mill-Accountant tal-Kunsill. Il-Kunsill approva dan ir-rapport b'mod unanimu.

## 47.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

47.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-banners tal-personaġġi li jitwaħħlu fi Triq il-Miratur f'Jum il-Floriana. Huwa staqsa jekk ikunx possibbli li l-Kunsill ibiegħ jew jagħti lill-Floriana FC dawk il-banners ta' personaġġi tal-football li ma jkunux inxtraw. Is-Sindku DSH qalet li dawn setgħu jinxtraw bħalma dejjem sar. Il-Viċi Sindku VB qal li ġeneralment dawn jinxtraw mill-familja.

47.5.1.1. Il-Kunsillier JAE qal li huma kienu talbu sabiex il-Kunsill ikun il-medjatur tagħhom f'każ li l-familja tal-personaġġ tkun tixtieq tixtri l-banner hi. Hu qal li huma xtaqu li l-

prijorità tingħata lill-familja. Is-Sindku DSH qalet li l-prijorità dejjem tingħata lill-familja tal-personaġġ iżda fl-istess ħin, hi ma setgħetx tobbliga lill-familja biex tixtri jew ma tixtrix il-banner.

47.5.1.2. Il-Viċi Sindku VB propona li l-Floriana FC jitkellmu ma' tal-familja l-ewwel sabiex jintlaħaq ftehim bejniethom. Il-Kunsillier JAE issuġġerixxa li fil-każ, il-Kunsill jagħti d-dettalji tal-familja tal-personaġġ sabiex jgħinhom.

47.5.1.3. Il-Viċi Sindku VB qal li hu kien jippreferi li l-banners jinxtraw minn tal-familja iżda ma jsibx oġġezzjoni li jinxtraw mill-Floriana FC dejjem jekk ikunu tkellmu ma' tal-familja u leħqu ftehim bejniethom.

47.5.1.4. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill isibx oġġezzjoni li l-Floriana FC jagħmlu banners simili għal dawk li għamel il-Kunsill. Is-Sindku wieġbet li l-awtorità biex isir dan għandha tintalab lill-familja tal-personaġġ, bl-istess mod li l-Kunsill jitlob permess lill-familja meta jkun se jonora personaġġ b'banner.

47.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza mill-Waterfront dwar informazzjoni relatata mal-lokalita, eċċ. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ma kienx irċieva korrispondenza iżda qalet li għandha tqajjem dan il-punt fil-laqgħa li għandha magħhom ġimgħatejn oħra.

47.5.3. Il-Kunsillier JAE qal li kellu xi ilmenti rigward blokka tal-Housing li kienu qed jarmu xi skart barra. Is-Sindku DSH qalet li r-residenti li qed jilmentaw għandhom jingħaqdu flimkien u jġibu kwalunkwe evidenza li għandhom il-Kunsill sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni.

**47.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;**

47.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

**47.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

47.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 39/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

47.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Albert Demarco, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

**47.8 MOZZJONIJIET;**

47.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

**47.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

47.9.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kienet għalqet is-sejħa għall-offerti għall-ġbir ta' skart residenzjali u nformat ukoll li kienet qed issir l-evalwazzjoni ta' dawn l-offerti.

## 47.10 KORRISPONDENZA

### 47.10.1. MOBILE TOILETS TAĦT IL-FORKA

Is-Sindku DSH proponiet, biex bħal kull sena, jiġu ordnati mobile toilets sabiex jitpoġġew taħt il-Forka matul ix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 47.10.2. KORRISPONDENZA MINGĦAND MALTA TEXTILES RECYCLING

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Malta Textiles Recycling fejn offrew servizz ta' ġabra ta' ħwejjeġ mir-residenzi. Il-Viċi Sindku VB qal li għalkemm l-idea kienet waħda tajba, jibża li jibda jsir abbuż mis-sistema u li jibdew jintremgħu boroż bil-ħwejjeġ barra. Is-Sindku DSH qablet mal-Viċi Sindku, filwaqt li l-Kunsillier JAE qal li jibża li anke jsir abbuż mis-sistema tiegħu stess. Għalhekk il-Kunsill ma qabilx li jilqa' din il-proposta ġaladarba s-sistema preżenti kienet diġà waħda adegwata.

### 47.10.3. PROPOSTA MILL-EKO SKOLA

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mill-President tal-Eko-Skola fejn ressaq proposta biex jiġu miżrugħa iktar siġar taż-żebbuġ fi Ġnien il-Mall. Il-Kunsill qabel li hemm post fejn jiġu miżrugħin iktar siġar iżda qabel li għandu jipproponi li s-siġar taż-żebbuġ li ser jinżergħu, preferibbilment ikunu speċi endemiċi Maltin.

### 47.10.4. KORRISPONDENZA MINGĦAND HAWK AEROSPACE

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Hawk Aerospace fejn offrew is-servizzi tagħhom lill-Kunsill. Is-SE qalet li kienet iltaqgħet magħhom fejn spjegaw li fost is-servizzi li joffru, kien hemm filming b'aerial view, street view, 3D, eċċ. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jagħmel użu minn dan is-servizz għalissa.

### 47.10.5. TALBA MILL-FLORIANA YOUNG STARS HOCKEY CLUB

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mill-Floriana Young Stars Hockey Club fejn offrew lill-Kunsill li jorganizza attività b'mod konġunt magħhom. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450. Il-Viċi Sindku VB ppropona li l-Kunsill jitlobhom gear sabiex jinżamm mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

### 47.10.6. TALBA MINGĦAND RESIDENTA DWAR IT-TRASPORT PUBBLIKU

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand resident li propona li r-rotta tal-X4 tibda tieqaf fuq Stage C jew Stage B fil-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi din il-proposta lill-entita responsabbli mit-trasport pubbliku li hija Transport Malta.

### 47.10.7. KORRISPONDENZA MINGĦAND PATRI PAWL BUGEJA

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Patri Pawl Bugeja f'isem il-Kunvent tal-Kapuċċini fil-Floriana. Huma talbu lill-Kunsill sabiex jipparteċipa fir-restawr tal-kappella tal-Madonna ta' Lourdes b'mod konġunt magħhom. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix €450.

### 47.10.8. CLEAN-UP EVENT MILL-GRAND HOTEL EXCELSIOR

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Grand Hotel Excelsior fejn proponew li jorganizzaw Clean-up Event fil-ġimgħa tat-8 t'Ottubru 2018. Huma talbu l-permess tal-Kunsill u talbu lill-Kunsill sabiex jipprovdilhom

skip biex tintuża matul l-attività. Is-SE proponiet li l-Kunsill jikkunsidra li jitnaddfu ż-żoni minn għaqda San Michele sabiex ikunu jistgħu jintużaw minnhom. Il-Kunsill qabel mal-Clean-up Event u qabel li għandu jipprovdi skip kif mitlub. Ġie suġġeriet ukoll forsi jiġi kunsidrat li jnaddfu l-mina tal-ferrovija fejn ser isir re-enactment.

47.10.9. **TALBA MINGĦAND IL-GRUPP SAN MICHELE**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Grupp San Michele fejn offrew lill-Kunsill li jipparteċipaw f'Ġenna ta' Ġonna billi jagħmlu re-enactment. Huma talbu post fejn jistgħu jarmaw it-tined tagħhom. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li għandu jallokalhom post għall-Ġenna ta' Ġonna, li jiġi kkonfermat aktar tard.

47.10.10. **KWOTAZZJONI MINN ADI ASSOCIATES**

Is-SE spjegat kif qed ikun hemm ta' sikwit proċeduri ma' ċertu applikazzjonijiet quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar li jeħtieġ li jkunu segwiti fl-interess tar-residenti u qalet li kienet talbet kwotazzjoni mingħand ADI Associates sabiex ikunu jistgħu isegwu d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar u jipproponu mod kif il-Kunsill ikun jista' jindirizza dawn id-deċiżjonijiet. Is-SE qalet li din il-kumpanija kienet lesta tagħmel dan ix-xogħol għall-prezz ta' €20 fil-ġimgħa u meta ma jkunx hemm proċeduri l-ADI Associates ma kienux ser jitolbu ħlas settimanali. Is-SE qalet ukoll li din il-kwotazzjoni flimkien mas-servizz li soltu jagħtu, m'għandhomx jaqbżu l-limitu skont ir-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli. Il-Kunsill qabel u aċċetta l-kwotazzjoni.

47.10.11. **TALBA GĦAL RE-ENACTMENT MINGĦAND THE HISTORICAL RE-ENACTMENT GROUP OF MALTA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand The Historical Re-Enactment Group of Malta fejn talbu permess sabiex jorganizzaw re-enactment ta' battalja storika nhar il-5 ta' Ġunju 2018 mill-ġnien ta' Sa Maison tul Ġnien il-Mall sa Pjazza Tritoni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

47.10.12. **TALBA MILL-MALTA SCOUTS ASSOCIATION**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Claudia Attard f'isem il-Malta Scouts Association fejn informaw lill-Kunsill li kienu ser jorganizzaw attività fil-Headquarters tagħhom li ser tkun parti mill-proġett bit-tema ta' Island Explorer. Hija staqsiet jekk ikunx possibbli li l-parteċipanti jagħmlu xogħol volontarju fil-lokalita u proponiet li dawn inaddfu l-cat cafés li hemm fil-viċin filwaqt li jibnu cat cafés addizzjonali. Il-Kunsill qabel mal-proposta bil-kundizzjoni li jkun hemm komunikazzjoni mal-Kunsill speċjalment rigward xi boroż u skart li jkunu jridu jinġabru. Il-Kunsill ser joffri cat café ġdida biex titpoġġa biswit il-Head Quarters.

## 47.11 INNU TAL-FLORIANA

47.11.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Surmast tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena li bagħat il-lirika tal-Innu tal-Floriana. Huwa nforma li l-awtur ta' dan l-innu kien is-Sur Paul Ellul. Il-Kunsill qabel mal-lirika u approva dan l-innu bħala l-Innu uffiċjali tal-Floriana.

47.11.2. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob stima lis-Surmast sabiex jipprovdi l-mużika li takkumpanjah.

## 47.12 MANAGEMENT LETTER

47.12.1. Is-SE spjegat xi punti li ġew imqajjmin mill-ittra tal-Awditur partikularment li l-Kunsill għandu dejjem jitlob tliet stimi qabel kull spiża.

47.12.2. Is-SE qalet ukoll li l-Awdituri kienu rrimarkaw li parti sostanzjali tal-istokk tal-Kunsill kienet qed tingħata fuq bażi kumplimentari u ftit li xejn kien in-numru ta' pubblikazzjonijiet mibjugħa.

Għalhekk huma ssuġġerew li l-Kunsill jikkunsidra li dan l-istokk ma jibqax jiġi kkunsidrat bħala ass tal-Kunsill iżda jiġi *written-off*. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Awdituri.

47.12.3. Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-risposta tal-Kunsill għall-ittra tal-Awdituri. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**47.13 ISMIJIET TAS-SWALI FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

47.13.1. Il-Viċi Sindku VB qal li jħoss li kien wasal iż-żmien li s-swali tad-Dar tal-Kunsill jingħataw isem li jkun isem storiku marbut mal-lokalita tal-Floriana. Huwa ssuġġerixxa l-ismijiet ta' Pietro Paolo Floriani, Granmastru Vilhena u San Publju.

47.13.2. Il-Kunsillier AD qal li seta' jiġi kkunsidrat ukoll li l-ismijiet li jingħataw ikunu relatati mas-siġar.

47.13.3. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qabel li għandu jiddiskuti din il-materja fil-laqgħa li jmiss.

**47.14 FESTIVAL TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT**

47.14.1. Is-Sindku DSH qalet li l-edizzjoni tal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat kienet waħda ta' suċċess u li l-konkorrenza kienet waħda kbira minkejja li t-temp ma kienx wieħed favorevoli.

47.14.2. Is-Sindku qalet ukoll li kienet tkellmet mal-Malta Tourism Authority li bħalissa kienu għaddejjin fuq il-preparamenti tal-Isle of MTV. Hija qalet li għandha terġa titkellem magħhom appena tgħaddi l-attività.

**47.15 ĠENNA TA' ĠONNA 2018**

47.15.1. Is-Sindku DSH qalet li l-edizzjoni li jmiss ta' Ġenna ta' Ġonna ser tinżamm nhar l-14 t'Ottubru 2018. Għalhekk hija talbet li l-Kunsilliera jibdew jesploraw idejat ta' x'jista' jsir matul din l-attività sabiex ikunu jistgħu jibdew il-preparamenti meħtieġa.

47.15.2. Is-Sindku DSH qalet li din is-sena ser jipparteċipaw il-grupp ta' re-enactment tal-Grupp San Michele.

47.15.3. Hija qalet ukoll li kienet ġiet avviċinata minn membru f'għaqda ta' muturi klassiċi fejn esprimew ix-xewqa li jtellgħu wirja ta' muturi antiki fi Ġnien l-Argotti.

47.15.4. Il-Kunsillier JAE propona wkoll li l-Kunsill jikkunsidra jorganizza attività relatata mal-mużika fil-Ġnien tal-Argotti.

47.15.4.1. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill javviċina lil xi għannej.

47.15.4.2. Il-Kunsillier JAE ippropona li l-Kunsill jitkellem mal-organizzaturi tal-Għanja tal-Poplu u jara x'jista' jiġi offrut minnhom.

47.15.5. Il-Kunsillier JAE propona wkoll li tittella' wirja ta' arti minn artisti Furjaniżi fis-Sala Robert Samut, li fiha nnifisha kienet binja artistika.

47.15.6. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jikkunsidra l-finanzi u l-ammont li hemm *budgeted* għal din l-attività.

47.15.7. Il-Kunsillier JAE semma wkoll li kien ġie avviċinat minn grupp tal-Archery sabiex jagħmlu dimostrazzjoni fuq fil-Fosos.

47.15.8. Is-SE qalet li kienet kitbet lill-ERA għat-tieni sena biex jipparteċipaw iżda reġgħu informawha li ma setgħux jipparteċipaw. Hija qalet li kienet tinsab iddiżappuntata u pretendiet li din l-awtorità kellha tkun minn ta' quddiem li tagħti eżempju lill-għaqdiet ambjentali l-oħra.

47.15.9. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jinvolvi l-għaqdiet kollha li pparteċipaw fl-edizzjoni li għaddiet.

47.15.10. Hija pproponiet ukoll li l-Kunsill jitkellem mal-GreenMT sabiex jara kif jistgħu jipparteċipaw f'din l-attività.

47.15.11. Is-SE qalet li kienet ser tipprova tikkuntattja lill-garden centres sabiex jipparteċipaw f'attività.

47.15.12. Is-Sindku DSH qalet li tkun idea ħelwa wkoll li kieku kellha tinstab rota antika u tiġi dekorata bil-pjanti.

47.15.13. Is-Sindku ssuġġeriet ukoll li l-Kunsill jakkwista xi pallets tal-injam li jinżebgħu u li fihom jinżergħu xi pjanti. Hija qalet li dawn ikunu jistgħu jitpoġġew f'Hortus Floriani.

47.15.14. Is-Sindku DSH proponiet li ssir laqgħa mal-għaqdiet nhar il-11 ta' Lulju 2018 fis-6pm. Il-Kunsill qabel.

47.15.15. Il-Viċi Sindku VB propona li tiġi rranġata aħjar il-mina tal-ferrovija. Is-Sindku DSH qalet li fil-fatt kien kitbilha is-Sur Paul Galea biex il-Kunsill jibda jaħseb minn issa dwar x'ser isir. Is-SE pproponiet li l-Kunsill jikkunsidra li jitlob l-għajnuna tal-għaqdiet volontarji bħalma huma l-Malta Scouts Association jew il-Grand Hotel Excelsior. Il-Kunsill qabel li għandu jaħdem fuqha.

**47.16 ISLE OF M T V**

47.16.1. Is-Sindku qalet li matul l-aħħar jumejn kienu qed jinżammu laqgħat fis-sala ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill rigward l-attività tal-Isle of MTV.

**47.17 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

47.17.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.35pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 6 ta' Ġunju fid-9.00am.

**Konfermati, illum 6 ta' Ġunju 2018.**

| | |
|---|---|
| Firmata | Firmata |
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |